A.L. 162 ta' l-2002

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TA' L-AMBJENT, 2001

(Att Nru XX ta' 1-2001)

Regolamenti dwar L-Ottenibilta t'Informazzjoni tal-Konsumatur dwar l-Ekonomija tal-*Fuel* u l-Emissjonijiet tal-*Carbondioxide* rigward l-Immarkettjar ta' Karozzi tal-Passiġġieri Ġodda

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent, 2001 il-Ministru għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa Regolamenti dwar l-Ottenibiltà t'Informazzjoni tal-Konsumatur dwar l-Ekonomija tal-*Fuel* u l-Emissjonijiet tal-*Carbondioxide* rigward l-Immarkettjar ta' Karozzi tal-Passiġġieri Ġodda.

(2) Dawn ir-Regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista jistabilixxi b'avviz fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-Regolamenti.

(3) Avviż taħt is-sotto-regolament (2) ta' dawn ir-regolament jista' jagħmel tali dispożizzjonijiet transitorji kif jidhru lill-Ministru responsabbli għall-ambjent li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'konnessjoni mad-dispożizzjonijiet imdaħħla fis-seħħ.

Oġġettiv.

2. L-oġġettiv ta' dawn ir-regolamenti huwa biex jassigura li nformazzjoni relatata ma' l-ekonomija tal-*fuel* u l-emissjonijiet CO_2 ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri offruti għal bejgħ jew kiri tkun għad-dispożizzjoni tal-konsumatur sabiex tippermetti li l-konsumaturi jagħmlu għażla nfurmata.

Tifsir.

3. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti:

'karozza tal-passiġġieri' tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur intenzjonata għall-użu fit-triq, bi jew mingħajr *bodywork*, li jkollha ta' linqas erba' roti u *speed* iddisinjat massimu li jaqbeż il-25 km/h,

bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju agrikolu.

'karrozza tal-passiġġieri ġdida' tfisser kwalunkwe karozza tal-passiġġieri li qatt ma kienet inbiegħet qabel lil persuna li xtraha għal skop differenti minn dak biex ibigħha jew jissupplixxiha;

'ċertifikat ta' konformità tfisser iċ-ċertifikat li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 70/156/EEC.

'punt tal-bejgħ' tfisser post, bħal ngħidu aħna vetrina jew bitħa tal-wirja tal-karozzi, fejn karozzi tal-passiġġieri ġodda jkunu esposti għal bejgħ jew kiri lill-klijenti potenzjali. *Trade fairs* fejn ikunu ppreżentati karozzi ġodda tal-passiġġieri lill-pubbliku huma nklużi f'din id-definizzjoni;

'konsum tal-*fuel* uffiċjali' tfisser it-tip appruvat tal-konsum tal-*fuel* bl-approvazzjoni ta' l-awtorità skond id-dispożizzjonijiet tad-direttiva 80/1268/EEC u msemmija fl-Anness VIII tad-direttiva 70/156/EEC u mehmuża maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura jew maċ-ċertifikat ta' konformità. Fejn diversi varjanti u/jew versjonijiet huma ggrupjati taħt mudell wieħed, il-valur li jrid jingħata għall-konsum tal-*fuel* ta' dak il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-varjant u/jew versjoni bl-ogħla konsum tal-*fuel* uffiċċjali f'dak il-grupp;

'emissjonijiet ta' CO2 speċifiċi uffiċjali għal tip mogħti ta' karozza tal-passiġġieri' tfisser dawk imkejla skond id-dispożizzjonijiet tad-direttiva 80/1268/EEC u msemmija fl-Anness VIII tad-direttiva 70/156/EEC u mehmuża maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura jew maċ-ċertifikat ta' konformità. Fejn diversi varjanti u/jew versjonijiet huma ggrupjati taħt mudell wieħed, il-valur li jrid jingħata għas-CO2 ta' dak il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-varjant u/jew versjoni bl-ogħla emissjonijiet ta' C02 uffiċċjali f'dak il-grupp;

'tikketta t'ekonomija tal-*fuel*' tfisser tikketta li jkun fiha informazzjoni tal-konsumatur rigward il-konsum tal-*fuel* uffiċċjali u l-emissjonijiet ta' C02 speċifiċi uffiċċjali tal-karozza li magħha hija mwaħħla t-tikketta;

'gwida ekonomika tal-*fuel*' tfisser ġbir taḍ-data tal-konsum tal-*fuel* uffiċċjali u emissjonijiet ta' C02 speċifiċi uffiċċjali għal kull mudell ottenibbli fuq is-suq tal-karozzi ġodda;

'letteratura promozzjonali' tfisser il-materjal kollu pprintjat użat fl-immarkettjar, ir-riklamar u l-promozzjoni ta' vetturi lill-pubbliku inġenerali. Dan jinkludi, bħala minimu, manwali tekniċi, *brochures*, riklamar fil-gazzetti, rivisti u l-istampa tal kummerċ u kartelluni;

'marka' tfisser l-isem kummerċjali tal-fabbrikant u huwa dak li jidher fuq iċ-ċertifikat ta' konformità u tad-dokumentazzjoni approvata tat-tip;

'mudell' tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali tal-marka, tip, u, jekk ottenibbli u xierqa, il-varjant u l-versjoni tal-karozza tal-passiġġieri;

'tip', 'varjant' u 'versjoni' jfissru il-vetturi differenzjati ta' marka mogħtija li jkunu dikjarati mill-fabbrikanti, kif deskritt fl-Anness II.B tad-direttiva 70/156/EEC, u unikament identifikabbli bil-karattri alfanumeriċi tat-tip, il-varjant u l-versjoni;

'Il-Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta bl-avviż intitolat Nomina ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambient u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, u tali korp ieħor jew persuna li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u jistgħu jissemmew korpijiet jew persuni differenti bħala l-awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti; A.L. 107 ta' l-2002.

'Operatur ta' punt ta' bejgħ' tfisser is-sid jew il-persuna li tieħu ħsieb punt tal-bejgħ.

4. L-operatur ta' punt tal-bejgħ jassigura li t-tikketta dwar l-ekonomija tal-*fuel* u ta' l-emissjonijiet ta' C02, li hija skond il-kondizzjonijiet deskritti fl-Anness I, tkun mehmuża jew esposta, b'mod li tidher sewwa, ħdejn kull mudell tal-karozza l-ġdida tal-passiġġieri fil-punt tal-bejgħ. Tiketta fil-punt tal-bejgħ.

5. L-Awtorità Kompetenti għandha tikkoordina l-ġbir ta' gwida dwar l-ekonomija tal-*fuel* u tal-emissjonijiet tas-C02 b'konsultazzjoni mal-fabbrikanti fuq bażi annwali skond il-kondizzjonijiet ta' l-Anness II. Il-gwida tkun portabbli, kumpatta u ottenibbli mingħajr ħlas lill-konsumaturi fuq talba kemm fil-punt tal-bejgħ kif ukoll mingħand l-Awtorità kompetenti. Gwida dwar l-ekonomija tal-*fuel*.

Kartellun.

6. L-operatur ta' punt tal-bejgħ għandu jassigura li għal kull marka ta' karozza, jkun esebit kartellun (jew alternattivament, wirja) flimkien ma' lista tad-data tal-konsum tal-*fuel* uffiċċjali u tad-data ta' l-emissjonijiet ta' C02 speċifiċi uffiċjali tal-mudelli tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda kollha esebiti jew offruti għall-bejgħ jew kiri fi jew permezz tal-punt tal-bejgħ. Din id-data tkun esebita f'pożizzjoni prominenti u skond il-format fl-Anness III.

Letteratura Promozzjonali.

7. L-operatur tal-punt tal-bejgħ għandu jassigura li l-letteratura promozzjonali kollha uffiċjali tal-mudelli tal-korazzi tal-passiġġieri kollha li għalihom tirreferi skond il-kondizzjonijiet ta' l-Anness IV.

Projbizzjoni.

8. Il-preżenza ta' tikketti, gwidi, kartelluni jew letteratura promozzjonali u materjali li għalihom hemm riferenza fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 ta' marki, simboli jew skrizzjonijiet oħra relatati mal-konsum tal-*fuel* jew ma' l-emissjonijiet tas-C02 li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti huma pprojbiti, jekk l-esibizzjoni tagħhom tista' tikkawża konfużjoni lill-konsumaturi potenzjali ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda.

Reati.

9. Persuna tkun ħatja ta' reat konta dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni legittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

10. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda kull meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet xi reat taħt dawn ir-regolamenti permezz ta' xi vettura, is-sid ta' dik il-vettura, fejn ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess grad;

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull min ikun insab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-awtorità kompetenti tkun għamlet u li huma msemmija f'dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta'dak-ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluża l-vettura, jekk dan ikun japplika.

Kif japplika Kap. 9.

11. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità ma għandha f'ebda każ tkun għal anqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa tal-Iskedi.

12. L-Annessi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati bil-Lingwa Ingliża fit-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

ANNEX I

DESCRIPTION OF THE LABEL ON FUEL ECONOMY AND CO_2 EMISSIONS

The Member States must ensure, as a minimum, that all fuel economy labels in their territory:

1. comply to a standardised format in order to allow greater recognition by consumers;
2. are of a size of 297 mm × 210 mm (A4);
3. contain a reference to the model and fuel type of the passenger car to which they are attached;
4. contain the numerical value of the official fuel consumption and the official specific emissions of CO_2. The value of the official fuel consumption is expressed in either litres per 100 kilometres (l/100 km), or an appropriate combination of these and is quoted to one decimal place. The official specific emissions of CO_2 are quoted to the nearest whole number in grams per kilometre (g/km).

   Such values can be expressed in different units (gallons and miles) to the extent compatible with the provisions of Directive 80/181/EEC (1).
5. contain the following text regarding the availability of the guide on fuel consumption and CO_2 emissions:

   'A guide on fuel economy and CO_2 emissions which contains data for all new passenger car models is available at any point of sale free of charge'
6. contain the following text:

   'In addition to the fuel efficiency of a car, driving behaviour as well as other non-technical factors play a role in determining a car's fuel consumption and CO_2 emissions. CO_2 is the main greenhouse gas responsible for global warming'

---

(1) Council Directive 80/181/EEC of 20 December 1979 on the approximation of the laws of the Member States relating to units of measurement and on the repeal of Directive 71/354/EEC (OJ L 39, 15.2.1980, p. 40). Directive as last amended by Directive 89/617/EEC (OJ L 357, 7.12.1989, p. 28).

ANNEX II

DESCRIPTION OF THE GUIDE ON FUEL ECONOMY AND CO_2 EMISSIONS

The Member States must ensure that the guide on fuel economy and CO_2 emissions contains, as a minimum, the following information:

1. a listing of all new passenger car models available for purchase within the Member States on a yearly basis, grouped by makes in alphabetic order. If in a Member State the guide is updated more than once a year, then the guide should contain a listing of all new passenger car models available on the date of the publication of this update;
2. for each model that appears in the guide, the fuel type, the numerical value of the official fuel consumption and the official specific emissions of CO_2. The value of the official fuel consumption is expressed in either litres per 100 kilometres (l/100 km) or kilometres per litre (km/l), or an appropriate combination of these, and is quoted to one decimal place. The official specific emissions of CO_2 are quoted to the nearest whole number in grams per kilometre (g/km).

   Such values can be expressed in different units (gallons and miles) to the extent compatible with the provisions of Directive 80/181/EEC;
3. a prominent listing of the 10 most fuel-efficient new passenger car models ranked in order of increasing specific emissions of CO_2 for each fuel type. The listing must contain the model, the numerical value of the official fuel consumption and the official specific emissions of CO_2;
4. advice to motorists that correct use and regular maintenance of the vehicle and driving behaviour, such as avoiding aggressive driving, travelling at lower speeds, anticipation braking, correctly inflating tyres, reducing periods of idling, not carrying excessive weight, improve the fuel consumption and reduce the CO_2 emissions of their passenger car;
5. an explanation of the effects of greenhouse gas emissions, potential climate change and the relevance of motor cars as well as a reference to the different fuel options available to the consumer and their environmental implications based on the latest scientific evidence and legislative requirements;
6. a reference to the Community's target for the average emissions of CO_2 from new passenger cars and the date of which the target should be achieved;
7. a reference to the Commission's guide on fuel economy and CO_2 emissions on the Internet, when available.

ANNEX III

DESCRIPTION OF THE POSTER TO BE DISPLAYED AT THE POINT OF SALE

The Member States must ensure that the poster(s) meets, as a minimum, the following requirements:

1. the poster is a minimum size of 70 cm × 50 cm;

2. the information in the poster is easy to read;

3. the passenger car models are grouped and listed separately according to fuel type (e.g. petrol or diesel). Within each fuel type, models are ranked in order of increasing CO_2 emissions, with the model with the lowest official fuel consumption being placed at the top of the list;

4. for each passenger car model in the list the make, the numerical value of the official fuel consumption and the official specific emissions of CO_2 are given. The value of the official fuel consumption is expressed in either litres per 100 kilometers (l/100 km), kilometers per litre (km/l), or an appropriate combination of these, and is quoted to one decimal place. The official specific emissions of CO_2 are quoted to the nearest whole number in grams per kilometre (g/km).

   Such values may be expressed in different units (gallons and miles) to the extent compatible with the provisions of Directive 80/181/EEC.

   A suggested format is shown below:

Fuel type	Ranking	Model	CO_2 emission	Fuel consumption
Petrol	1			
	2			
	...			
Diesel	1			
	2			
	...			

5. the poster contains the following text regarding the availability of the guide on fuel economy and CO_2 emissions:

   'A guide on fuel economy and CO_2 emissions which contains data for all new passenger car models is available at any point of sale free of charge;'

6. the poster contains the following text:

   'In addition to the fuel efficiency of a car, driving behaviour as well as other non-technical factors play a role in determining a car's fuel consumption and CO_2 emissions. CO_2 is the main greenhouse gas responsible for global warming;'

7. the poster will be completely updated at least every six months. Between two updates, new cars will be added to the bottom of the list.

ANNEX IV

THE PROVISION OF DATA ON FUEL CONSUMPTION AND CO_2 EMISSIONS IN PROMOTIONAL LITERATURE

The Member States must ensure that all promotional literature contains the official fuel consumption and official specific CO_2 emissions data of the vehicles to which it refers. This information should, as a minimum, meet the following requirements:

1. be easy to read and no less prominent than the main part of the information provided in the promotional literature;
2. be easy to understand even on superficial contact;
3. officiel fuel consumption data should be provided for all different car models to which the promotional material covers. If more than one model is specified then either the official fuel consumption data for all the models specified is included or the range between the worst and best fuel consumption is stated. Fuel consumption is expressed in either litres per 100 kilometers (l/100 km), kilometers per litre (km/l) or an appropriate combination of these. All numerical data are quoted to one decimal place.

   Such values may be expressed in different units (gallons and miles) to the extent compatible with the provisions of Directive 80/181/EEC.

If the promotional literature only contains referance to the make, and not to any particular model, then fuel consumption data need not be provided.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 14c – *Price 14c*